# Il-Ħuttafa

## Il-magazin tal-Klabb Ħuttaf





# x'għandna?


editorjal 2
aħbarijiet 3
x'għandna mid-dinja? 4
l-agrett abjad 5
kreaturi mill-ħrejjef Griegi 6
attività 6
kompetizzjoni 61 7
gallerija 7
FALKO 8
sitt saqajn 9
pinġi 9
djarju berdwoċer 10
ittri 10
midd idejk 11
daħħal membru 11
X'joffri l-ħanut? 12


żring



## Ħbieb Ħuttaf...

Kont qed inqalleb fuq l-internet u sibt dar-ritratt interessanti. Juri tabella qed twissi lis-sewwieqa biex joqogħdu attenti kif isuqu peress li hemmhekk jaqsam il-ħanfus!




F'Malta wkoll it-toroq huma ta' periklu għal xi annimali, fosthom il-qanfud, u żgur li xi darba rajtu xi wieħed miskin imtajjr jew mgħaffeġ minn karozzi. Ftit ilu fi triq fil-kampanja ħdejn il-Mellieħa għamlu xi tabelli biex is-sewwieqa joqogħdu attenti għall-qniefed li jaqsmu...

**Anke t-tabelli sparixxaw!**

Meta nara u nisma'b'dawn l-affarijiet ngħid: Imma jaħasra kemm għadna qed ngħixu f'pajjiż fqir. Fqir mhux fl-affarijiet, imma fqir fil-moħħ!

Dawn it-tabelli tara bħalhom f'ħafna pajjiżi, anke f'pajjiżi ta' l-Afrika (dawk li aħna nsejħulhom pajjiżi fqar għadhom lura, eċċ), ilkoll iwissuk issuq bil-galbu biex ma ttajjarx ċriev, lontri, qniefed, żrinġijiet eċċ. Hawn Malta dawn l-afarijiet mid-dehra ma jistgħux isiru, għax għad hawn ħafna nies li jafu biss jisirqu u jkissru u joqtlu dak li mhux tagħhom. Bis-saħħa ta' dawn il-vandali Malta tibqa' post ikrah, bla gost u bla ħajja.

Meta tiktbu fir-rivisti ta' l-iskola tagħkom, iktbu dwar dak li jogħġobkom imma anke dwar dak li jdejjaqkom. Uru li jimpurtakom!

Victor

**Victor Falzon** editur



Denis Cachia

Il-**gawwija prima** (yellow-legged gull) hija tajra kbira tal-baħar, li f'pajjiżna tbejjet bogħod mill-għajn... fuq Filfla! Darba kient tbejjet ukoll ma' l-irdumijiet ta' Malta u Għawdex, imma minn mindu l-kaċċa saret moda wkoll fuq il-baħar, il-gawwi sparixxa minn ma' l-irdum.


### kumitat klabb ħuttaf

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin il-huttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat sakemm mhux għal skopijiet kummerċjali, sakemm jissemma' l-isem **Il-Ħuttafa** u sakemm tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **gawwija prima** - ritratt ta' Denis Cachia
Stampat: Poulton's Print Shop, Marzu 2004


**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-tmintax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.**




# Happy Birthday Ħuttafa

**F'Marzu-April tas-sena 1994 Klabb Ħuttaf ħareġ l-ewwel darba l-magażin Il-Ħuttafa. Minn dak iż-żmien 'l hawn bqajna noħorġuh kull xaharejn, anzi żidnielu l-paġni u qlibnielu l-faċċata bil-kulur! Issa l-magażin favorit tagħkom għalaq 10 snin, u għalhekk aħna f'isem il-BirdLife nawguraw HAPPY BIRTHDAY LILL-ĦUTTAFA u nawgurawlha li tibqa' tpassi kull xaharejn għal ġol-kaxxa ta' l-ittri tad-djar tal-membri tagħna għal ħafna snin oħra. Tgħid min jaf fis-sena 2014 kif ikun sar!**


Denis Cachia

## Paletta oħra!

**Paletta** (spoonbill) oħra daħlet tistrieħ fir-riserva ta' l-Għadira fit-12 Marzu 2004, u mill-ġdid il-BirdLife infurmat lill-pulizija biex jgħinuna nindukrawha. B'xorti tajba, did-darba ma nqatletx, u erbat ijiem wara, taret 'il barra b'wiċċ il-ġid. Thanks ALE!

# Bil-flus tibni triq fil-... Muntajna tal-Magħtab!


Victor Falzon

Xi ħadd qed joħlom bi proġetti ta' toroq grandjuża. Hemm waħda li suppost tgħaddi minn ġo mina taħt il-miżbla tal-Magħtab, u oħra li tgħaddi minn ġo mina oħra taħt l-għolja tal-Mellieħa.

Alla jbierek, f'daqqa waħda se ntuha għat-tħaffir tal-mini! L-iskuża hi: "Ħeqq, biex intaffu l-problema tat-traffiku, hux!" Imma l-problema tat-traffiku ma ssolvihiex billi tibni aktar toroq! Il-problema tat-trafiku tissolva b'sistema tajba ta' trasport publiku. BISS!

# Mixja Maratona, 2 rekords!

**Kif tafu, fis-7 Marzu 2004 għamilna l-mixja maratona tal-Klabb. Dis-sena kienet waħda rekord għal żewġ raġunijiet. L-ewwelnett kellna l-ikbar grupp ta' parteċipanti li qatt kellna: 142 (u kelb!). It-tieni nett għamilna l-ikbar ġabra li qatt għamilna minn mixja. Din kienet is-somma sabiħa ta' Lm390. Grazzi kbira lil kulħadd!**






# Biex imutu inqas dniefel...

Kull sena mijiet ta' eluf ta' dniefel imutu bi żball fix-xbiek tas-sajjieda u jegħrqu. Issa l-Unjoni Ewropea ħarġet regola biex jonqsu dawn l-inċidenti.

Is-sidien tat-trolers tas-sajd se jkollhom iwaħħlu apparat speċjali max-xbiek tagħhom. Dan l-apparat jitfa' ħsejjes li jgerrxu d-dniefel minn ħdejn ix-xbiek, u b'hekk dawn ma jinqabdux fihom. Il-ħmerija hi li din ir-regola ma tgħoddx għal min ikollu dgħajjes iżgħar minn 15m.

Spanja u l-Italja ma qablux ma' dir-regola, imma xorta jkollhom jobdu, għax wara kollox, is-sajjieda ta' dawn iż-żewġ pajjiżi huma fost l-iktar li jikkawżaw imwet ta' dniefel.

**Kull sena eluf ta' pappagalli African Grey jinqabdu mill-foresti tan-Niġerja u l-Ghana u jiddaħħlu bil-moħbi fis-Sawdi Arabja min-nies li jkun fil-pellegrinaġġ lejn Mekka. Fis-Sawdi l-pappagalli għadhom moda ħafna, u din qed tikkawża l-qerda ta' dawn l-għasafar sbieħ. Ħafna speċi ta' pappagalli saru rari, u whud inqerdu għal kollox.**




# Anġli għall-ambjent...

Wieħed Amerikan jismu Douglas Tompkins sar miljunarju bis-saħħa tal-kumpanija tal-moda li kellu. Imma flok ma berbaq flusu fil-ħela u fix-xalar, Tompkins iddeċieda li jonfoqhom billi jixtri artijiet kbar fl-Amerka t'Isfel... u **jibdilhom f'parks naturali**!

Wieħed minn dawn il-proġetti qiegħed fiċ-Chile, fejn Tompkins xtara biċċa art mimlija foresti, vulkani u fjordi! Semmieh Pumalin Park, u fih 10 darbiet daqs Malta!

Fl-Argentina Tompkins xtara biċċa art oħra (daqs Malta 9 darbiet!), u ħoloq il-wetland Esteros del Ibera. Issa qed joħlom bi proġetti ġodda fil-Paraguay. Nawgurawlu!

Tgħid Kristine, il-mara tiegħu, taqbel ma' dan kollu? U ngħid taqbilx... hi stess s'issa diġà xtrat tliet meded art (daqs Malta 3 darbiet) fl-Argentina u bħal żewġha għamlithom riservi naturali.

Bejniethom dawn iż-żewġ anġli ta' l-ambjent diġà nefqu $50 miljun fuq il-ħarsien tan-natura.

Issa kieku l-miljunarji kollha tad-dinja jagħmlu l-istess ħaġa...

# Skoll Salvat

Il-Gvern ta' l-Awstralja għadu kemm iddeċieda biex jaqta' kull xorta ta' sajd minn terz tal-**Great Barrier Reef**.

Il-Great Barrier Reef hija medda twila ħafna ta' baħar baxx matul ix-xatt fil-lvant ta' l-Awstralja. Dal-baħar huwa mimli skollijiet ta' qroll ta' kull xorta, forma, daqs u kulur. Dawn l-iskollijiet huma l-ambjent ta' mijiet ta' speċi ta' ħut tropikali u viżibilju ta' annimali oħrajn bħal bebbux, granċijiet u gambli.

S'issa 4.5% biss mir-Reef kienet imħarsa. Minn Lulju, il-medda protetta se tikber sa 33.3%, eżattament terz tar-Reef kollu.



# l-agrett abjad

Mark Anthony Falzon



bl-ingliż **little egret**
xjentifiku ***Egretta garzetta***

ritratt ta' **Alex Casha**

**Kbir u eleganti, għonqu u saqajh twal, abjad silġ u jispikka sew... bla dubju dan huwa wieħed mill-isbaħ għasafar li naraw fostna.**

L-agrett abjad għandu munqar twil u b'saħħtu, qisu stallett. Dan jużah biex jistad għall-ħut, żrinġijiet u annimali żgħar oħrajn. Fir-riservi ta' l-Għadira u tas-Simar spiss naraw l-agretti jistadu għall-bużaqq u l-mulett. L-agrett jgħaddi ħin twil jiċċassa lejn l-ilma bla ma jiċċaqlaq - imbagħad bħal sajjetta jaħtaf xi ħuta li tersaq viċin.

Bħal ħafna rsieset oħrajn, l-agrett abjad ikollu żewġ rixiet twal wara rasu fir-rebbiegħa, waqt żmien in-namra. Dari meta l-kpiepel kienu moda sew man-nisa u kienu jintlibsu kuljum (illum tarahom biss f'xi tieġ), ħafna agretti bojod kienu jinqatlu biex jiħdulhom daż-żewġ rixiet, li kienu jgħidulhom *aigrettes*, dan kollu biex iżejnu l-kpiepel bihom! B'xorti tajba llum dil-moda spiċċat u l-agrett huwa protett f'ħafna pajjiżi ta' l-Ewropa.

L-agrett abjad huwa għasfur tal-passa, u narawh l-aktar bejn Marzu u Mejju u bejn Awwissu u Ottubru. Pjuttost komuni, speċjalment fi ġranet bir-riħ isfel. Rari jitbiegħed minn max-xtut, u fil-fatt il-berdwoċers tal-BirdLife spiss jaraw qtajja' ta' agretti jittajru fuq il-baħar. Mhux l-ewwel darba li qatgħa agretti tinżel tistrieħ fuq il-blat f'xi post imwarrab. Darba għamilt sagħtejn sħaħ nosserva agrett jistad għall-bużaqq f'xatt il-Qammieħ.

Dan l-għasfur ma tantx titfixklu għax hu l-uniku russett komuni kbir u abjad. Imma kultant jgħaddu speċi oħrajn ta' agretti bojod kollha, bħall-**agrett tal-bhejjem** (cattle egret) u r-**russett abjad** (great white heron), li però huma rari ħafna. Irridu noqogħdu ftit attenti wkoll għall-**agrett isfar** (squacco heron), li mhuwiex rari u li meta jtir mill-bogħod jidher kollu abjad, għalkemm mill-viċin nindunaw li ġismu huwa kannella safrani.

## kreaturi mill-ħrejjef Griegi



# iċ-Ċentawri

Iċ-ċentawri kienu razza ta' kreaturi nofshom bnedmin u nofshom żwiemel, tfal ta' Ċentawrus u d-Dwieb ta' Magnesia. L-aktar ċentawri magħrufin kienu Nessus u Kiron.

Nessus kien ċentawr li ħataf lil Dianera, mart Ħerakles (bir-Ruman: Hercules). Ħerakles xejn ma ħa gost u beda jisparalu vleġeġ midlukin bid-demm velenuż tal-Ħidra. Qabel miet, Nessus qal lil Dianera biex tbill il-mantell ta' Ħerakles f'demmu. Dan qalilha li kien likwidu maġiku ta' mħabba. Hi għamlet kif qalilha ċ-ċentawr, li wara ftit miet. Meta żżewġu Dianera tat il-mantell lil Ħerakles, imma meta dan libsu qabdu ħruq kbir ma' ġismu u miet bl-uġigħ!

Kiron kien ċentawr ferm differenti minn Nessus - dan kien ċentawr qalbu tajba. Kien jgħallem lill-eroj famużi, bħal Akilles,kif jużaw l-armi għall-glied biex jiddefendu rwieħhom. Kiron kellu x-xorti li jgħix għal dejjem. Imma Ħerakles, ħabib kbir tiegħu, laqtu bi żball b'waħda mill-vleġeġ li bihom kien inqatel Nessus. Imma peress li kien immortali ma setax imut u beda jħoss uġigħ kbir u kontinwu. Dan għajjat lill-allat, li ħennew għalih u ħallewh imut. Imma mbagħad qegħduh bħala l-kostellazzjoni Sagittarius!

Sean Caruana Webster

# KEMM hi sabiħa KEMMUNA

## ...x'ma mmorrux inżuruha!!

Bħalma nagħmlu kull sena għandna żewġ ħarġiet bil-lanċa ippjanati għall-kwiet u għall-ġmiel naturali ta' Kemmuna, fejn nagħmlu nofstanhar nippassiġġaw għall-arja nadifa ta' din il-gżira santwarju ta' l-għasafar. Ejjew gawduha magħna...



Victor Falzon

Data; Ħarġa A: **il-Ħadd 18 April 2004**
Ħarġa B: **Il-Ħadd 25 April 2004**
Prezz: żgħar **Lm1.25**, kbar: **Lm1.75**
Ħlas dakinhar stess, imma **tridu tibbukkjaw**, għax postijiet limitati. Aktar dettalji meta tibbukkjaw. Ċemplu 21347646 (Mon-Fri 9am-1pm). **Ċans sa 15 April.**
**Ġibu:** ikel, xorb, beritta, nowtbuk, lapes u (jekk għandkom) tromba u gajd. Kollox f'basket tad-dahar.
**Iġġibux:** radjijiet, blalen eċċ - din mhix xalata!

**Għeżież ġenituri,**
Nixtiequ li għall-ħarġa ta' Kemmuna ma jiġix aktar minn ġenitur wieħed minn kull familja. Dan nagħmluh biex inħallu aktar post għall-membri stess, peress li n-numru jkun limitat. Membri taħt it-8 snin irid jiġi xi ħadd kbir (14+) magħhom, filwaqt li tfal ta' 5 snin jew inqas nissuġġerixxu li ma jitħallewx jiġu. Grazzi ħafna.



**volpi**
alexander cutajar 10

**gremxula**
daphne pollacco



# Kompetizzjoni 61




Il-gawwija tax-xellug hija normali, imma tal-lemin ma nafux xi ġralha! Ara kemm differenzi ssib bejniethom u ibgħat għidhomlna. Jekk issib 8 diġà biżżejjed! Tista' wkoll tiskenjahom u tibgħathom attaċments bl-imejl. Żmien għandek sa 30 April. Tqattax il-magażin. Jekk tirbaħ tirċievi **sett kartolini tan-natura.**




Ir-rebbieħa ta' Komp 61 hija JASMINE BORG mill-Mellieħa. Prosit Jasmine, il-kartolini daqt ikunu għandek.

## gallerija



**verdun**
julian bonello 11



**velleran**
andrè camenzuli 12



**granċ**
lynsey żammit 11



**woodpecker**
reuben testa 9



**denfil**
andy buttiġieġ 7



**bebbuxu**
ilaria gauci 11



**durrajsa bajda**
arthur briffa 11



**għasfur ta' san martin**
dorianne dalli 11



**nixxief komuni**
david attard 11



**pitirross**
eric scerri 7



**paletta**
charlton agius 11

**ibagħtulna t-tpinġijiet tagħkom!**
tinsewx isimkom, età u isem l-oġġett





# Ħbieb Falkuni!

Jekk xi darba għad idaħħlu l-kelma *fast food chain* fid-dizzjunarju, it-tifsira għandha tkun "Moħqrija u ħela".

Għaqdiet bħal PETA (www.peta.org) ilhom is-snin jiġġieldu kontra dal-moħqrijiet. Diġà rnexxielhom jeghlbu ħafna minnhom. Il-Burger King u l-McDonalds, per eżempju, qablu li jibdew jirrispettaw xi drittijiet bażiċi li għandu jkollhom l-annimali waqt it-trobbija. Il-KFC, min-naħa l-oħra, għadha stinata sal-lum u t-tiġieġ li trabbi għadhom isofru moħqrija kbira. Saħansitra jpoġġuhom tużżana tużżana xkaxxati ġo gaġeġ żgħar biex jeħduhom minn post għall-ieħor. Bil-ksieħ li jħossu, ħafna minnhom imutu fit-traġitt, u sħabhom ikollhom jibqgħu ħdejhom (mejtin) tul il-vjaġġ kollu. Mhux biss, imma whud minnhom ikunu għadhom ħajjin anke meta jitfgħuhom ġot-tankijiet tal-misħun biex inittfuhom! Aħħħħ!

Xi fast food chains bdew jittrattaw l-annimali li jitrabbew bi ftit iktar umanità - imma fadal ħafna x'jitranġa. Biżżejjed naraw l-ammont ta' skart li jintrema' f'dawn il-postijiet. Tvalja tal-karti, tazzi tal karti (bl-għatu), l-istrò, il-kaxxa tal-berger, il-kaxxa taċ-ċips, u kollox imgeżwer mill-ġdid fil-karti!! Mill-banda l-oħra, meta mmorru f'ristorant, l-ikel ikun fi pl'att, li wara jinħasel, b'ħafna inqas ħela u rimi ta' karti u plastik.

Darb'oħra meta tkunu deħlin ġo fast food chain, aħsbu ftit: B'erba' pastizzi kont tiekol xorta, u żgur li ma taħqarx annimali u ma tarmix daqshekk skart.

Saħħiet

Justin

**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur Falko




## Kemmuna b'differenza...

Wara l-ħarġa mal-bqija tal-Klabb, aħna tal-Falko ħa mmorru naraw dil-gżira minn aspett differenti. Telgħin mal-lanċa ta' filgħaxija, u ser nimxu dawra bil-lejl. Se jkun kważi qamar kwinta, u l-passaġġi għandhom ikunu mdawlin sew. Wara nikkampjaw, u filgħodu nqumu kmieni biex immorru naraw ir-ringing ta' l-għasafar li f'dak iż-żmien ikun qed isir minn nies tal-BirdLife. Niġu lura għall-ħabta ta' nofsinhar.

**Data:** 1-2 Mejju 2004
**Fejn? u x'ħin?** il-Belt ħdejn tal-kasetts fil-5pm, jew iċ-Ċirkewwa ħdejn tal-linja fis-6.15pm
**Ġibu:** żarbun komdu għall-mixi, sleeping bag, ikel u ilma (kollox f'basket li jintlibes mad-dahar).
**Età:** Falko 13+

## ...u Għawdex b'differenza!

Dax-xahar in-najtħajk ser jeħodna Għawdex. Għamilnieh fi żmien li l-qamar ikun kważi kwinta, u għalhekk naraw nimxu. Dak iż-żmien, it-temp jibda jisħon u mhemmx isbaħ mil-lejl biex tgawdi l-ambjent bla ma taqta' nifsek bis-sħana! Ninżlu lura Malta l-Ħadd wara nofsinhar.

**Data:** 6-7 Ġunju 2004
**Fejn? u x'ħin?** il-Belt ħdejn tal-kasett fis-6.45pm jew iċ-Ċirkewwa ħdejn tal-linja fit-8pm.
**Ġibu:** żarbun komdu għall-mixi, sleeping bag, ikel u ilma (kollox f'basket li jintlibes mad-dahar).
**Età:** Falko 13+



## in-najtħajk ta' Marzu - rapport!

Bħal ta' kull sena reġa' sar in-najtħajk ta' Marzu. Tlaqna l-Ġimgħa 5 Marzu filgħaxija fxi 8.30pm mir-Rabat. It-temp kien sabiħ biżżejjed li ma tagħmilx xita, u mhux għax kieku għamlet konna se naqtgħu qalbna ta!

Wara li xtrajna xi pastizzi biex ituna l-enerġija għall-"vjaġġ," qbadna nimxu lejn l-iMġarr u minn hemm komplejna l-mixja tagħna qalb il-pajsaġġ naturali, lejn l-Għadira. Bejn xi brejk, xi ċajta u ħafna diskussjonijiet wasalna l-Qammieħ għal xi 3am. Iktar reqdin milli mqajmin, armajna t-tined u kulħadd daħal jorqod.

F'kemm ilni ngħid sebaħ, u komplejna l-mixja lejn iċ-Ċirkewwa. Waqafna nagħmlu ftit seawatching. Ħasra li dakinhar it-tjur ma kellhomx burdata li jgħaddu. Imma xorta waħda ħadna ħafna pjaċir inpaċpċu bejnietna.

André Callus

## Sib il-Lupu Mannaru!

(mhix kompetizzjoni bi premju!)



**SITTSAQAJN**

Matthew Borg Cardona

# Iċ-Ċerambiċi!



L-antenni twal huma tipiċi ta' dan il-ħanfus

L-insetti tal-Familja Cerambycidae huma ħanfus numerużi ħafna fid-dinja. S'issa nstabu aktar minn 30,000 speċi differenti! Fl-Ewropa hawn 625 speċi u f'Malta hawn 29. Dan in-numru huwa kbir għal Malta għax dan il-ħanfus għandu bżonn is-siġar, u f'Malta siġar ma tantx hawn!

Il-ġisem ta' dan il-ħanfus huwa tawwali u għandhom antenni twal ħafna, ġieli itwal minn ġisimhom stess. Għalhekk bl-Ingliż dawn jgħidulhom **longhorn beetles**.

Il-larvi jħaffru fiz-zkuk tas-siġar u jieklu l-injam, u għalhekk jagħmlu ħafna ħsara lis-siġar. L-adulti jieklu fjuri, zkuk, weraq u frott.

L-ikbar fost iċ-Ċerambiċi ta' Malta hija s-Susa tal-Lanġas, li tikber sa 40mm.

# pinġi

Agħtu kulur lil dan il-kamaleonti qabel ma jaħtaf lil dak il-povru mazzarell! Għall-kuluri mur paġna 1



# mid-djarju tal-berdwoċer

Jason Aloisio

## jannar

Jannar mhux xi xahar li jħallik tilheġ bil-varjetà ta' għasafar li joffri, għalkemm xi sorpriża jaf jofri wkoll. Dehru regolari l-għasafar komuni tax-xitwa bħall-**buċaqq tax-xitwa**, il-**vjolin tax-xitwa**, il-**kudirross iswed** u l-**gawwija rasha kannella**. Il-**pitirrossi** kienu xi ftit inqas komuni mis-soltu. F'numri iżgħar kellna l-**malvizz**, il-**bulebbiet**, l-**ispanjulett**, l-għasafar ta' l-għana u d-**durrajsa**. Fir-riservi komplew iqattgħu x-xitwa ftit **blonġuni**, **glalez suwed**, **tiġieġ tal-baħar** u **durrajs tal-qasab**. Kultant tfaċċat xi borka bħall-**kuluvert tas-salib** li deher l-Għadira. Fuq il-baħar kien hemm is-soltu gawwi, kultant f'numri kbar, xi **mragen** u **sul** u żdiedet il-**garnija**. Dehru wkoll xi għasafar ta' klassi bħat-tliet **paletti** fir-riserva ta' l-Għadira (sakemm sabu sehemhom!), **rożinjol tas-Siberja** fir-Rabat (dak tferfir li qabadhom xi berdwoċers!) u **vjolin skur** fis-Simar. Deher ukoll l-ewwel **ħuttaf** u **ħawwief**, **russett griż**, **agrett abjad** u **gamiema tal-kullar**.



kuluvert tas-salib

## frar

Frar kompla fejn ħalla Jannar, bis-solti għasafar tax-xitwa li baqgħu jidhru regolarment. F'Għawdex dehret **kokka tax-xagħri** u xi berdwoċers raw 6 **spanjuletti** jikkaċċjaw flimkien. Dehru qtajjiet żgħar tad-**durrajs** tal-passa u raw ukoll xi tajr tal-plajja bikri, fosthom **beggazzina tar-rokka** u numru żgħir ta' **swejda**. Minn nofs Frar żdied il-**ħawwief**, il-**vjolin tax-xitwa** u l-**buċaqq tax-xitwa** - f'xi ġranet is-Simar kien mimli vjolini! Fuq il-baħar żdied iċ-**ċief** u nstabu xi bejtiet tal-**garnija** ma' l-irdumijiet fejn tbejjet. Fl-aħħar ġimgħa ta' Frar wasal ftit **daqquq tat-toppu**. Dehru wkoll **bagħdan aħmar**, **bufula passajra** u **kuda**.



kokka tax-xagħri

# Nistgħu nagħmlu xi ħaġa?

Għażiż Editur,





Impressjonatni l-istorja ta' dak jew dawk il-kaċċaturi li daħlu fir-riserva ta' l-Għadira joqtlu dawk il-ġmiel ta' paletti. Dan juri kemm dawn in-nies mhumiex kuxjenti tal-ġmiel ta' ħlejjaq li jiffurmaw parti min-natura.

Proprjament qed niktiblek għax dil-ġimgħa mort mixja ma' tal-familja sax-Xgħajra, post sabiħ minħabba l-arja miftuħa li hemm, kullimkien imdawwar bil-baħar. Imma aħna u mixjin 'il ġewwa, rajna t-triq miksija skrataċ użati u tħares madwarek tara l-kaċċaturi lesti fil-kmamar tagħhom biex jekk jidhol għasfur jisparawlu. Bdejt nistħajjilni għaddej minn kamp tal-gwerra.

Fil-baħar rajna roqgħa drenaġġ ħierġa 'l barra, u ma' dir-roqgħa drenaġġ ilmaħt ammont ta'għasafar. Imma t-tbissima marritli meta smajt sparaturi u rajt spidbowt iddur u tispara għal kull għasfur.

Jiddispjaċini nara dawn l-affarijiet. Nixtieq li jittieħdu passi biex dan l-atteġġjament tal-kaċċaturi jinqata'. Nistgħu aħna tal-BirdLife nagħmlu xi ħaġa biex dawn jitkeċċew minn dan il-post u nibdlu l-post fi speċi ta' riserva żgħira? Ninsab ċert li dan jintlaqa' tajjeb mill-għasafar li jkunu jridu jidħlu l-art biex jistrieħu u forsi jbejtu.

Keith Vassallo
Mqabba

Għażiż Keith,

Li kien għall-BirdLife, kieku Malta ssir riserva naturali kollha kemm hi! Imma ħej mhux minna jiddependi, u sfortunatament ħafna min-nies li jmexxu l-pajjiż ma jimpurtahomx tikka mill-għasafar. Għalhekk dawn il-ħniżrijiet jitħallew isiru.

Per eżempju taf li l-kaċċaturi KOLLHA li semmejtli fl-ittra tiegħek kienu qed jiksru l-liġi?! Dawk ta' fuq l-art kienu għall-kaċċa barra mill-istaġun, u dawk ta' fuq il-baħar kienu qed jisparaw fuq il-gawwi (tajr protett), u kienu inqas minn 3km 'l barra mix-xatt.

Dwar ksur ta' liġi, il-BirdLife ma tistax tagħmel iktar milli tista' tagħmel inti, jiġifieri li tinforma lill-pulizija. Dan il-BirdLife tagħmlu l-ħin kollu. Imma l-pulizija m'għandhiex biżżejjed nies biex jinfurzaw il-liġi, u għalhekk il-kaċċaturi għadhom ma bidlux l-atteġġjament. Il-BirdLife ilha ħafna snin tiffitta lill-gvern biex joħloq skwadra ta' gwardjani ambjentali.

Sadattant aħna nibqgħu nifirxu t-tagħlim fuq il-ġmiel naturali u nwasslu l-messaġġ ambjentali, biex ftit ftit kulħadd jitgħallem japprezza n-natura kif suppost.

L-Editur

Kif indunajtu, ġejna fi tmiem is-sensiela MURAQBAD KTIEB u minflokha se jibda jkollna r-rokna MIDD IDEJK! Din se tkun dwar kraft magħmul minn affarijiet riċiklati, Nispera li filwaqt li tieħdu gost tħaddmu idejkom, ikollkom is-sodisfazzjon li tkunu ħloqtu xi ħaġa ħelwa intom stess.

middi ejk



# Xagħar aħdar u spajki!

**Għandek bżonn**

Bajd iebes • skalora • tajjar/serratura • feltpens/poster colours

**Kif tagħmel**

1. Fuq il-bajd iebes pinġi l-uċuh li trid - attent għax il-qxur huma delikati u malajr jinkisru.
2. Bl-għajnuna ta' xi ħadd kbir, aqta' pulit il-biċċa ta' fuq tal-bajda u żvojta l-bajda.
3. Imla l-qoxra vojta bit-tajjar jew serratura fina.
4. Ferrex l-iskalora fuq it-tajjar u xarrab sew
5. Għatti b'biċċa tajjara mxarrba u poġġi l-bajd fuviera ħdejn tieqa. Iż-żerriegħa suppost tinbet wara ġurnata jew tnejn.
6. Xarrab kuljum u meta ż-żerriegħa tinbet, neħħi t-tajjara ta' fuq biex tħalli x-"xagħar" jikber dritt u spajki!

Janet Gerardi

żur il-websajt tagħna... **www.birdlifemalta.org**

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**
- **punti fil-Ħuttafa tas-Sena**



Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fil-Klabb...
Tihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________ postcode ____________________

Data tat-twelid ____________________ Telefon ____________________

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________ postcode ____________________

Membership number ____________________ Telefon ____________________

Ibgħat kollox lil BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 29 bolla tas-7ċ
Tista' tissieħeb onlajn mill-websajt tal-BirdLife fuq **www.birdlifemalta.org** u tikklikkja JOIN NOW

**Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!**

# X'joffri l-Ħanut?




## kartolini

Sett ta' 8 kartolini għal kull okkażjoni, b'4 għasafar differenti: Pitirross, Sula, Agrett Abjad u Għasfur ta' San Martin. Bl-envilops...




## ktieb tan-natura

**Il-ktieb favoluż *Wildlife of the Maltese Islands* miktub minn 9 esperti, bi 336 paġna, u jittratta 1000 speċi ta' flora u fawna...**




## basktijiet

Il-basktijiet popolari tal-BirdLife, magħmulin mix-xoqqa, issa bi 3 għasafar differenti: Merill, Daqquqa tat-Toppu u Tajra Safra. Iffranka l-plastik...

Dawn u prodotti oħrajn issibuhom għall-bejgħ mill-uffiċċju tal-BirdLife jew mir-riservi ta' l-Għadira u s-Simar. Jekk tixtiequ tirċivuhom bil-posta, ċemplu **21347646** jew iktbu lil **info@birdlifemalta.org**

Il-ħinijiet ta' l-uffiċċju huma 9am-1pm (Tnejn sal-Ġimgħa), ta' l-Għadira huma 10.30am-4.30pm (Sibtijiet u Ħdud). Is-Simar għalissa jiftaħ biss għall-iskejjel mit-Tnejn sal-Ġimgħa